MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2003

Avviz Numru. 48/2003

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Limited**

**vs**

**Nicholsons The Supermarkets Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef erba' mija u sebgha u erbghin Lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm3447.43,0), ammont rapprezentanti bilanc ta' hlas dovut ghal prodotti ta l-ikel mibjugha u kkonsenjati, liema hlas baqa' ma sarx.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult u ta' l-ittra legali datata 4 ta' Lulju 2002, flimkien ma' l-interessi kummercjali mid-data tal-konsenji relattivi sal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-18 ta' Gunju 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3447.43,0 bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' Jannar 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-konsult imsemmi fl-avviz u tal-ittra legali tal-4 ta' Lulju 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------